# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Żammit)**

**vs**

**Anthony Camenzuli**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Anthony Camenzuli**, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 276870M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli nhar is-6 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tad-21:33 fl-Għassa tal-Fgura bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Graziella Vassallo weġġgħha bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:-***

Illi qabel xejn irid jiġi rilevat li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ħarket lil Anthony Camenzuli, mentri mill-evidenza prodotta jirriżulta li l-persuna li marret tagħmel il-kwerela kien Antoine Camenzuli. Anke jekk din il-Qorti tadotta liċenza poetika, li naturalment ma għandhiex fis-sentenzi tagħha, għalkemm ma tistax tqis bħala li l-proċeduri huma nulli, xorta waħda jibqa l-ostaklu li kwalunkwe deċiżjoni li din il-Qorti tista' tieħu kontra ta' "Anthony Camenzuli" ma tistax tiġi eżegwita kontra tiegħu. Mill-provi prodotti (PIRS) jirriżulta li Anthony Camenżuli huwa missier Antoine Camenżuli, ċjoe l-persuna li marret tagħmel il-kwerela.

Ad ogni modo, jibqa l-fatt li f'dan il-każ, irrispettivament mill-isem tal-imputat, hemm ostakolu ieħor li jrid jiġi fi kwalunkwe każ sorvolat – u dan huwa dak tal-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar il-mens rea meħtieġ sabiex jiġi integrat dan ir-reat ta' inġurji taħt l-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Issa l-Qorti f'dan il-każ imxiet b'kawtela kbira minħabba li x-xiehda determinant kellha tkun dik tal-minuri Yana. Fil-fatt il-Qorti rat u semgħet lil minuri tixhed u setgħet tara lil din it-tifla ta' tminn snin kif xehdet u dwar dak li hija kienet qegħda tgħid. Issa din il-minorenni irrakkuntat l-istorja kif taf hi. Il-Qorti setgħet tara

li bl-innoċenza tagħha din it-tifla kienet ċara fi kliemha. Naturalment il-Qorti ma setgħetx teskludi li xi intervent fuq il-memorja tagħha setgħa sar qabel dan il-każ minn omm il-minuri, kif del resto mistqarr mill-istess minuri fix-xiehda tagħha. Pero, il-Qorti pruvat tifhem kif l-imputat, missier il-minuri setgħa ħassu meta huwa sema' lil bintu tirrakkonta din l-istorja. It-tifla tidher li hija kapaċi immens li tirrakkonta stejjer b'mod li minkejja s-sempliċita' tagħha, jista' jkun ritenut konvinċenti – b'mod partikolari fuq persuna li tkun qrib tagħha.

Biss mix-xiehda indipendenti ta' Juanita Muscat, Dorianne Paulton, Maria Silvio u Dorianne Sammut b'mod partikolari jirriżulta li dakinhar tal-allegat inċident ma jirriżultax pruvat li Graziella Vassallo kienet preżenti fuq il-post fejn skont il-minuri seħħ l-inċident u l-anqas ma ġie ppruvat soddisfaċentement li Juanita Muscat u Dorianne Paulton kienu wkoll preżenti – minkejja li l-minuri tikkollokahom hemmhekk. Din il-Qorti tifhem li Graziella Vassallo tħossha urtata bir-rapport li sar mill-imputat kontriha. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tanalizza x'kienet l-intenzjoni tal-imputat meta huwa mar jagħmel in-*notitia criminis* – jiġifieri kienetx dik li jinġurja lill-Graziella Vassallo jew kienetx biex dak mistqarr mill-minuri jiġi investigat f'aktar dettall.

Din il-Qorti tifhem il-frustrazzjoni ta' Vassallo. Iżda mill-banda l-oħra temmen li l-intenzjoni li kellu l-imputat meta mar jagħmel il-kwerela ma kienetx dik li jinġurja lil Vassallo daqskemm li jitlob lil Pulizija li jindagaw sewwasew x'ġara verament dakinhar fil-għodu. Fil-fatt jirriżulta mill-affidavit ta' PS590 I. Grima li kull ma l-imputat u martu xtaqu kien li tiġi mitkelma Graziella Vassallo biex meta t-tfal ikollhom xi problema jiġu mitkelma huma. Minn imkien ma jirriżulta li l-imputat għamel dan bil-ħsieb li b'xi mod itellef jew inaqqas mill-ġieħ ta' Graziella Vassallo billi b'dak li kien qiegħed jgħid ried delibberatament "iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor".

Fin-nuqqas ta' tali prova, din il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni li ġiet miġjuba kontrih.

***Deċide : -***

Li in vista ta' dak fuq premess din il-Qorti qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Mogħtija illum il-15 ta' Diċembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.

***Aaron M. Bugeja***